



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.4.2017
COM(2017) 188 final

**ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU NRU 2
GĦALL-BAĠIT ĠENERALI 2017**

ID-DĦUL TAL-BILANĊ FAVOREVOLI TAS-SENA FINANZJARJA 2016

Wara li kkunsidrat:

- it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,
- ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni¹, u b'mod partikolari l-Artikoli 18(3) u 41 tiegħu,
- il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017 adottat fl-1 ta' Diċembru 2016²,
- il-baġit emendatorju Nru 1/2017³, adottat fil- [5] ta' April 2017,

Il-Kummissjoni Ewropea hawnhekk qed tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-Abbozz tal-Baġit Emendatorju Nru 2 tal-baġit tal-2017.

BIDLIET FID-DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U N-NEFQA TAQSIMA B'TAQSIMA

Il-bidliet fir-rapport tad-dħul u n-nefqa skont it-taqsima huma disponibbli fil-EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-en.htm>). Il-verżjoni bl-Ingliż tal-bidliet f'din id-dikjarazzjoni hija mehmūza għall-informazzjoni bħala anness baġitarju.

¹ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

² ĠU L 51, 28.2.2017, p. 1.

³ ĠU L XXX, XX.XX.XXX.

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Dan l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 2/2017 huwa maħsub li jdaħħal il-bilanċ favorevoli li rriżulta mill-implimentazzjoni tal-baġit tas-sena 2016 fil-baġit tal-2017. Kif previst fir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni⁴, skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu 18, dan huwa l-uniku skop ta' dan l-ABE u jrid jiġi ppreżentat fi żmien 15-il jum wara l-preżentazzjoni tal-kontijiet proviżorji fl-aħħar ta' Marzu 2017.

1. L-implimentazzjoni tal-baġit tas-sena 2016 turi bilanċ favorevoli ta' EUR 6 404 529 791,03 (dan l-ammont jeskludi l-eżitu tal-kontribuzzjonijiet riċevuti mill-pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (European Free Trade Association, EFTA) li jagħmlu parti mill-ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE)), li għaldaqstant jiddaħħal bħala dħul fil-baġit tal-2017.

Dan il-bilanċ favorevoli jirriżulta mis-somma tal-elementi elenkati fit-tabella ta' hawn taħt:

(f'EUR)

2016	EFTA-ŻEE	L-Unjoni Ewropea	Total
Dħul għas-sena finanzjarja	393 490 071,00	144 323 275 745,23	144 716 765 816,23
Pagamenti kontra l-appropriazzjonijiet tas-sena attwali	-389 965 609,25	-134 790 370 338,67	-135 180 335 947,92
Appropriazzjonijiet ta' pagament riportati għas-sena N+1	-3 838 251,04	-1 651 142 565,23	-1 654 980 816,27
Kanċellazzjoni ta' appropriazzjonijiet mhux użati riportati mis-sena N-1	351 994,52	62 504 192,08	62 856 186,60
<i>Differenza bejn id-dħul assenjat riportat mis-sena N-1 għal N u minn N għal N+1</i>		-1 367 077 753,06	-1 367 077 753,06
Differenzi tal-kambju għas-sena		-172 659 489,32	-172 659 489,32
Eżitu tal-baġit 2016	38 205,23	6 404 529 791,03	6 404 567 996,26

2. L-ibbaġitjar tal-bilanċ favorevoli se jnaqqas kif xieraq il-kontribuzzjoni globali tal-Istati Membri għall-iffinanzjar tal-baġit tal-UE tal-2017. Il-kontribuzzjonijiet finali mill-Istati Membri se jkunu influwenzati wkoll mill-previżjoni aġġornata tar-riżorsi proprji (ir-Riżorsi Proprji Tradizzjonali (RPT), it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) u l-Introjtu Nazzjonali Gross (ING)) inkluż l-ammont aġġornat tal-korrezzjoni tar-Renju Unit li se jkun disponibbli wara l-laqgħa tal-Komitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji (KKRP) f'Mejju 2017.
3. It-tabella ta' hawn taħt tippreżenta tqassim tal-eżitu għall-2016 f'termini tal-implimentazzjoni tal-baġit (id-dħul u n-nefqa, għall-Istituzzjonijiet kollha):

⁴ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

(f' miljuni ta' EUR)

Tqassim tal-eżitu tal-2016	
Subtotal tal-eżitu fuq l-introjtu	1 688
Eżitu fuq l-introjtu (differenzi bejn id-dħul miġbur u dak ibbaġittjat), li minnu:	
— Titolu 1 (riżorsi proprji)	-1 511
— Titolu 3 (bilanċ favorevoli, bilanċi u aġġustamenti)	8
— Titolu 7 (imgħax fuq pagamenti tardivi u multi)	3 052
— Titoli oħrajn	138
Sottotal tal-eżitu fuq in-nefqa	4 889
Eżitu fuq in-nefqa, li minnha:	
— Nuqqas ta' implimentazzjoni ta' approprjazzjonijiet awtorizzati fil-baġit tal-2016: Kummissjoni	4 825
— Nuqqas ta' implimentazzjoni ta' approprjazzjonijiet riportati mill-2015: Kummissjoni	28
— Riżervi mhux mobilizzati fl-2016	1
— Nuqqas ta' implimentazzjoni ta' approprjazzjonijiet awtorizzati fil-baġit tal-2016 u approprjazzjonijiet riportati mill-2015: intestatura amministrattiva 5 (Istituzzjonijiet oħra)	35
Sottotal tad-differenzi fir-rati tal-kambju	-173
Total tal-eżitu tal-2016	6 405